



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

11709/22

LIMITE

CORLX 728
CFSP/PESC 1053
RELEX 1073
COARM 153
CODUN 32
CONUN 179

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL b'appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**b'appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni,
il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir
fl-Aspetti Kollha Tiegħu**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28(1) u 31(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fl-20 ta' Lulju 2001, l-Istati parteċipanti fil-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) dwar il-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu adottaw il-Programm ta' Azzjoni tan-NU għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (il-"Programm ta' Azzjoni tan-NU"). Fit-8 ta' Diċembru 2005, l-Assemblea Ġenerali tan-NU adottat l-Istrument Internazzjonali li Jippermetti lill-Istati Jidentifikaw u Jittraċċaw, b'Mod f'Waqtu u Affidabbli, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir Illeċiti (l-"Istrument Internazzjonali dwar it-Traċċar"). Dawk iż-żewġ strumenti internazzjonali jiddikjaraw li l-Istati ser jikkooperaw, kif xieraq, man-NU sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni effettiva tagħhom.
- (2) Fit-12 ta' Lulju 2002, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2002/589/PESK¹ dwar il-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid ta' armi żgħar ("SALW").
- (3) Fis-16 ta' Diċembru 2005, il-Kunsill Ewropew adotta l-Istrateġija tal-UE biex tikkumbatti l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti ta' SALW u l-munizzjoni tagħhom. Dik l-Istrateġija tidentifika l-appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-NU bħala l-ewwel prijorità għall-azzjoni fil-livell internazzjonali, u tappella għall-adozzjoni ta' strument internazzjonali li jorbot legalment dwar it-traċċar u l-immarkar tas-SALW u l-munizzjon tagħhom.

¹ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2002/589/PESK tat-12 ta' Lulju 2002 dwar il-kontribuzzjoni tal-Unjoni Ewropea għall-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-tixrid ta' armi żgħar u r-revokazzjoni tal-Azzjoni Konġunta 1999/34/PESK (ĠU L 191, 19.7.2002, p. 1).

- (4) Wara l-adozzjoni tal-Istrument Internazzjonali dwar it-Traċċar, l-Unjoni appoġġat l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/113/PESK¹. Il-Kunsill iwwaluta l-implimentazzjoni tal-Azzjoni Konġunta b'mod pożittiv.
- (5) Fit-18 ta' Lulju 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/428/PESK², li appoġġat t-tieni Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rieżami tal-Progress li sar fl-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2012.
- (6) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli li tnediet fil-25-27 ta' Settembru 2015 tafferma li l-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tas-SALW hija meħtieġa għall-kisba ta' ħafna għanijiet ta' żvilupp sostenibbli, fosthom dawk relatati mal-paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom, it-tnaqqis tal-faqar, it-tkabbir ekonomiku, is-saħħa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-bliet sikuri. Għalhekk, fl-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 16.4, l-Istati kollha impenjaw ruħhom li jnaqqsu b'mod sinifikanti l-flussi illeċiti finanzjarji u tal-armi.

¹ L-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2008/113/PESK tat-12 ta' Frar 2008 li tappoġġa l-Istrument Internazzjonali li jippermetti lill-Istati jidentifikaw u jittraċċaw, b'mod f'waqtu u affidabbli, Armi Żgħir u Armamenti Ħfief Illeċiti (SALW) fil-qafas tal-Istrateġija tal-UE fil-ġlieda kontra l-akkumulazzjoni u t-traffikar illeċiti tas-SALW u l-munizzjon tagħhom (ĠU L 40, 14.2.2008, p. 16).

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/428/PESK tat-18 ta' Lulju 2011 b'appoġġ għall-attivitajiet tal-Uffiċċju tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Affarijiet ta' Diżarm biex jiġi implimentat il-Programm ta' Azzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu f'Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (ĠU L 188, 19.7.2011, p. 37).

- (7) Fit-3 ta' April 2017, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2017/633/PESK¹, li appoġġat it-tielet Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rieżami tal-Progress li sar fl-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti fl-2018. Fit-30 ta' Ġunju 2018, it-tielet Konferenza ta' Rieżami adottat dokument ta' eżitu fejn l-Istati ġedded l-impenn tagħhom għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-devjazzjoni tas-SALW. L-Istati tennew ir-rieda tagħhom li jaħdmu għal kooperazzjoni internazzjonali u li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali permezz ta' koordinazzjoni, konsultazzjoni, skambju ta' informazzjoni u kooperazzjoni operazzjonali mtejba, bl-involviment tal-organizzazzjonijiet reġjonali u subreġjonali rilevanti, kif ukoll tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tal-kontroll tal-fruntieri u tal-ħruġ ta' liċenzji ta' esportazzjoni u importazzjoni.
- (8) Fl-Aġenda tiegħu għad-Diżarm "Securing our Common Future" ("Niżguraw il-Ġejjieni Komuni Tagħna"), li ġiet ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2018, is-Segretarju Ġenerali tan-NU appella biex tiġi indirizzata l-akkumulazzjoni eċċessiva tal-armi konvenzjonali u l-kummerċ illeċitu tagħhom u biex jingħata appoġġ fil-livell tal-pajjiżi, lill-approċċi dwar is-SALW u l-munizzjon tagħhom identifikati bħala faċilitaturi ewlenin tal-vjolenza u l-kunflitt bl-armi.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/633 tat-3 ta' April 2017 b'appoġġ għall-Programm ta' Azzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Prevenzjoni, il-Ġlieda Kontra u l-Qerda tal-Kummerċ Illeċitu ta' Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir fl-Aspetti Kollha Tiegħu (ĠU L 90, 4.4.2017, p. 12).

- (9) Fid-19 ta' Novembru 2018, il-Kunsill adotta l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea kontra l-Armi tan-Nar, Armi Ħfief u ta' Kalibru Żgħir illeċiti u l-Munizzjon tagħhom intitolata "Aktor Sigurtà fuq l-Armi Biex Niproteġu liċ-Ċittadini" (l-"Istrateġija tal-UE dwar is-SALW"), li tistabbilixxi l-linji gwida għal azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-SALW. L-istrateġija tal-UE dwar is-SALW tqis il-Programm ta' Azzjoni tan-NU bħala l-qafas globali biex tiġi miġġielda t-theddida ppreżentata minn SALW illeċiti u tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tiegħu fil-livelli nazzjonali, reġjonali u dinjija.
- (10) Fis-17 ta' Diċembru 2018, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2018/2011/PESK¹. L-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW tgħid li l-Unjoni ser tintegra b'mod sistematiku konsiderazzjonijiet dwar il-ġeneru fit-tfassil ta' proġetti ġodda li jirrelataw mal-ġlieda kontra l-vjolenza bl-armi tan-nar u l-kontroll tas-SALW b'mod ġenerali, u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin f'dak ir-rigward.
- (11) Ir-rapport finali tat-Tmien Laqgħa Biennali tal-Istati tal-2022 biex Jikkunsidraw l-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU jinnota:
- li l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Programm ta' Azzjoni u l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar hija vitali għall-avvanz tal-isforzi lejn il-paċi sostenibbli, is-sigurtà, l-iżvilupp soċjoekonomiku, it-tgawdija tad-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni tal-ħajja, ukoll kif deskritt fid-dispożizzjonijiet rilevanti dwar is-SALW fl-Aġenda tas-Segretarju Ġenerali tan-NU għad-Diżarm;

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/2011 tas-17 ta' Diċembru 2018 b'appoġġ għal politiki, programmi u azzjonijiet li jintegraw il-perspettiva tal-ġeneri fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi ta' kalibru żgħir u l-użu ħażin tagħhom, f'konformità mal-aġenda dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (ĠU L 322, 18.12.2018, p. 38).

- il-ħtieġa għall-parteċipazzjoni sħiħa, ugwali, sinifikanti u effettiva tan-nisa fil-proċessi kollha ta' teħid ta' deċiżjonijiet, u ta' implimentazzjoni relatati mal-Programm ta' Azzjoni u l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar u jħeġġeġ l-integrazzjoni ta' perspettiva tal-ġeneri fl-isforzi ta' implimentazzjoni tagħhom biex jiġi indirizzat l-impatt differenzjali tal-kummerċ illeċitu tas-SALW fuq in-nisa, l-irġiel, il-bniet u s-subien;
- ir-rwol li għandha s-soċjetà ċivili fl-appoġġ tal-isforzi tal-Istati għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Programm ta' Azzjoni u jagħraf il-kontributi pożittivi li jistgħu jgħibu ż-żgħażaġh f'dan ir-rigward;
- il-ħtieġa għal kooperazzjoni u assistenza internazzjonali msaħħa, effettivi u sostenibbli;
- li l-iżviluppi reċenti fil-manifattura, it-teknoloġija u d-disinn tas-SALW, b'mod partikolari l-armi polimeri u modulari, u l-armi tan-nar prodotti bi stampar 3D għandhom implikazzjonijiet għall-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Programm ta' Azzjoni u l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar, u jenħtieġ li jiġu indirizzati mill-Istati kollha, b'kont meħud tal-opportunitajiet, l-isfidi, ir-rwol tal-industrija, kif ukoll il-ħtieġa għal appoġġ finanzjarju u tekniku, lakuni teknoloġiċi bejn l-Istati u l-ħtieġa li titrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali;

- l-importanza ta' traċċar effettiv tas-SALW fil-ġlieda kontra l-kummerċ illeċitu tas-SALW f'kuntesti ta' konflitt u ta' wara l-konflitt;
- l-importanza li jiġu żviluppati jew stabbiliti oqfsa regolatorji nazzjonali stretti għall-immarkar, ir-reġistrazzjoni u t-traċċar tas-SALW, f'konformità mal-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra d-devjazzjoni u t-trasferiment internazzjonali illeċitu ta' SALW lil riċevituri mhux awtorizzati;
- il-ħtieġa li jiġu implimentati l-impenji dwar l-immarkar, iż-żamma tar-rekords u t-traċċar li jinsabu fl-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar irrispettivament mill-materjali jew il-metodi użati fil-manifattura tas-SALW;
- l-istabbiliment tal-grupp ta' ħidma miftuħ stabbilit skont ir-risoluzzjoni 76/233 tal-Assemblea Ġenerali biex jellabora sett ta' impenji politiċi bħala qafas dinji ġdid li ser jindirizza l-lakuni eżistenti fil-ġestjoni tal-munizzjon tul il-ħajja;
- ir-rwoli rispettivi ta' dawk involuti fl-istadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja kollu tas-SALW, inkluż l-importanza tal-kooperazzjoni mal-industrija u s-settur privat, kif adatt, għall-prevenzjoni effettiva tal-manifattura u l-kummerċ illeċitu tas-SALW,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Bil-ksieb tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE dwar is-SALW, l-għan ta' din id-Deċiżjoni huwa li tappoġġa l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU u l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar, issaħħaħ is-sigurtà internazzjonali, reġjonali u nazzjonali, tikkontribwixxi għar-realizzazzjoni tas-sigurtà tal-bniedem, u tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli permezz tal-kontroll tas-SALW.
2. Skont il-paragrafu 1, l-oġġettivi ta' din id-Deċiżjoni huma dawn li ġejjin:
 - (a) li tappoġġa żviluppi ta' politika dinjija li jħarsu 'l quddiem fil-kuntest tar-raba' Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Rieżami tal-Progress li sar fl-Implimentazzjoni tal-Programm ta' Azzjoni tan-NU fl-2024;
 - (b) li ssaħħaħ l-implimentazzjoni nazzjonali u reġjonali effettiva tal-Programm ta' Azzjonijiet u l-Istrument Internazzjonali tat-Traċċar;
 - (c) li tappoġġa politiki u programmi ta' kontroll tas-SALW li jqisu d-dimensjoni marbuta mal-ġeneru.
3. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà ("RGħ") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.
2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1 għandha titwettaq mill-Uffiċċju tan-NU għall-Affarijiet ta' Diżarm (UNODA).
3. L-UNODA għandu jwettaq il-kompiti tiegħu taħt ir-responsabbiltà tar-RGħ. Għal dak il-għan, ir-RGħ għandu jħejji l-arranġamenti meħtieġa mal-UNODA.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett iffinanzjat mill-Unjoni għandu jkun ta' EUR 4 524 465.05.
2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont ta' referenza stipulat fil-paragrafu 1 għandha tkun amministrata skont il-proċeduri u r-regoli applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni korretta tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hija għandha tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament neċessarju mal-UNODA. Il-ftehim ta' finanzjament għandu jistipula li l-UNODA għandu jiżgura l-viżibilità tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, b'mod xieraq skont id-daqs tagħha.
4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel hilita biex tikkonkludi l-ftehim ta' finanzjament imsemmi fil-paragrafu 3 kemm jista' jkun malajr wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tgħarraf lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u dwar id-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament.

Artikolu 4

1. Ir-RGħ għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti narrattivi regolari mħejjija mill-UNODA. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni li għandha titwettaq mill-Kunsill.
2. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-aspetti finanzjarji tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1.

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.
2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' finanzjament imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, hija għandha tiskadi sitt xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha jekk ma jkun ġie konkluż l-ebda ftehim ta' finanzjament f'dak il-perjodu.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
